

32004D0931

31.12.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 396/61

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPOL KINSHASA/1/2004**tad-9 ta' Diċembru 2004****dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni****tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-UE f'Kinshasa (DRC),****EUPOL KINSHASA**

(2004/931/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 25(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/PESK tad-9 ta' Diċembru 2004 dwar it-tneċċija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-UE f'Kinshasa (DRC) ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 5 u 8 tagħha

Billi:

(1) L-Artikolu 5 u 8 ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/PESK jipprovdi li l-Kunsill jawtorizza l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti skond l-Artikolu 25 tat-TUE, inklużi s-setgħat li jaħtar, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, Kap ta' Missjoni.

(2) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli propona l-ħatra tas-Sur Adilio CUSTODIO,

Artikolu 1

Is-Sur Adilio CUSTODIO qiegħed hawn jiġi maħtur Kap ta' Missjoni tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-UE f'Kinshasa (DRC) fir-rigward ta' l-Unità Integrata tal-Pulizija (IPU) (EUPOL KINSHASA) mill-jum li l-missjoni ser tiġi mnedija. Sa dik id-data, huwa għandu jaġixxi bħala l-Kap tat-Tim ta' l-Ippjanar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2005.

Magħmula fi Brussel, nhar id-9 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà**Il-President*

A. HANER

⁽¹⁾ ĠU L 367, 14.12.2004, p. 30.